# Ruling mogħti minn Mr Speaker dwar Ksur ta' Privileġġ imqajjem mill-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alfred Sant kontra il-gazzetta "il-mument"

**Seduta Nru. 2**

**It-Tnejn, 26 ta' Ottubru, 1998**

## KSUR TA' PRIVILEĠĠ

**ONOR. ALFRED SANT (Kap ta' l-Oppożizzjoni:** Mr Speaker, nixtieq inressaq każ ta' ksur ta' privileġġ quddiem din il-Kamra li joħroġ minn artiklu li ġie ppubblikat il-bieraħ, il-Ħadd, 25 ta' Ottubru f'"il-mument" u li jirriferi għall-intervista li tat is-Sinjorija Tiegħek u preċiżament il-każ ta' ksur ta' privileġġ jirriferi għal dak li għidt inti stess.

Jien nista' nagħti indikazzjonijiet ċari fejn joħroġ il-każ ta' ksur ta' privileġġ, pero' qabel xejn ma nafx jekk f'dan l-istadju s-Sinjorija Tiegħek għandhiex xi rimarki x'tagħmel.

**MR SPEAKER:** Il-Prim Ministru, *on a point of order*.

**ONOR. EDDIE FENECH ADAMI:** Mr Speaker, naħseb li jkun tajjeb jekk l-ewwel il-Kamra kollha tisma' dwar xiex jittratta dan il-ksur ta' privileġġ.

**ONOR. ALFRED SANT:** Jiġifieri, Sur President, jien nifhem li din hi l-pożizzjoni tiegħek f'dan l-istadju, illi tisma' x'inhu l-punt imqajjem. Fil-fatt il-punt imqajjem jittratta dwar dak li qalet is-Sinjorija Tiegħek stess.

Hawnhekk jien se naqra t-test kollu tal-mistoqsijiet kollha li sarulek u li ġew ippubblikati f'paġna 13 ta' "il-mument" tal-25 ta' Ottubru, 1998, jiġifieri l-bieraħ:

> "Iddispjaċut li l-Oppożizzjoni ma laqgħetx it-talba biex tinnomina hi l-ħatra ta' deputat *speaker*?"

Min-naħa tagħha, is-Sinjorija Tiegħek irrispondiet hekk:

> "Nemmen li biż-żmien l-Oppożizzjoni tagħraf li l-Parlament hu tagħha daqs kemm hu tal-Gvern. Il-Parlament hu tagħna lkoll u hu fl-interess tal-Membri kollha li dan jimxi bl-aħjar mod possibbli.
>
> L-Oppożizzjoni hi parti essenzjali, komponent li mingħajru l-Parlament ma jaħdimx u allura trid tifhem li dan hu tagħha wkoll. Il-Parlament hu l-post fejn flimkien irridu noħorġu l-aħjar ġid għall-poplu Malti kollu.
>
> Dan m'għandux ikun ta' kontroversja u f'demokrazija parlamentari bħalma għandna f'Malta, il-Parlament hu suprem u allura jrid jitħaddem mill-Membri kollha. Il-Parlament irid ikollu fih Membri li jifhmu li dan irid jaħdem fl-interess tal-pajjiż billi jintuża l-mekkaniżmu kollu tas-sistema, fosthom ukoll li jkun hemm deputat *speaker* min-naħa ta' l-Oppożizzjoni.
>
> Dan jagħti sens ta' parteċipazzjoni aktar wiesgħa u hekk il-Membri kollha jħossu li l-Parlament hu tagħhom ilkoll.".

Mistoqsija oħra:

> "Tixtieq li l-Oppożizzjoni tibdel il-fehma tagħha dwar l-atteġġjament li ħadet?"

U t-tweġiba għaliha:

> "Iva, nixtieq li l-Oppożizzjoni tifhem li huwa fl-interess nazzjonali u anke tagħha bħala l-gvern alternattiv li tagħmel użu mill-mezzi li jistgħu jmexxu l-Parlament 'il quddiem.".

Mr Speaker, jien nirritjeni li diskors bħal dan huwa ksur ta' privileġġ min-naħa tas-Sinjorija Tiegħek u għalhekk nistiednek biex qabel tasal għad-deċiżjoni tiegħek fuq jekk għandux jiġi riferut lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi jew le, tirrifletti wkoll fuq il-pożizzjoni tiegħek dwar is-sottomissjoni li qed tagħmel issa qabel ma tagħti l-ġudizzju tiegħek.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** *Point of order*, Mr Speaker.

**MR SPEAKER:** Il-Ministru Gonzi, *on a point of order*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mr Speaker, ikun tajjeb jekk il-Kap ta' l-Oppożizzjoni jindika taħt liema klawsola ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati qed iressaq dan il-ksur ta' privileġġ.

**MR SPEAKER:** Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**ONOR. ALFRED SANT:** Mr Speaker, jien naħseb li qabel ikun aħjar li tgħidilna x'inhi l-pożizzjoni tiegħek stess; jekk intix iżżomm illi waqt li qed tiġi diskussa xi ħaġa li għidt inti, tkun inti stess il-president ta' din il-Kamra.

**MR SPEAKER:** Il-Ministru Gonzi.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mr Speaker, jien ninsisti li qabel ma l-Kap ta' l-Oppożizzjoni jagħmel mistoqsijiet indirizzati lis-Sedja, jindika taħt liema klawsola ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati qed jitressaq dan il-każ ta' ksur ta' privileġġ; għax il-każijiet ta' ksur ta' privileġġi huma regolati mill-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati. Taħt liema parti mill-ordinanza qed iressaq dan il-ksur ta' privileġġ?

**MR SPEAKER:** Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**ONOR. ALFRED SANT:** Sur President, qed inressaq it-talba tiegħi taħt l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, li tispjega eżattament kull waħda mill-affarijiet li jistgħu jitressqu. Skond aħna, dan huwa każ ta' ksur ta' privileġġ u *sta* għas-Sedja li tiddeċiedi jekk dan huwiex ksur ta' privileġġ jew le.

**MR SPEAKER:** L-Onor. Gonzi.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ippermettili ftit għax l-affarijiet mhux hekk isiru. Mr Speaker, teżisti proċedura stabbilita, liema proċedura hija regolata b'liġi stabbilita, li għandha klawsoli speċifiċi li jgħidulek preċiżament taħt liema ċirkostanza każ jista' jiġi kkonsidrat bħala każ ta' ksur ta' privileġġ jew le. Ġaladarba wieħed jispeċifika taħt liema klawsola qed jitressaq dan il-ksur ta' privileġġ imbagħad jiġi riferut lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi, jekk is-Sedja tiddeċiedi hekk, u mbagħad wieħed jinvestiga.

Jiġifieri jien nerġa' nistaqsi taħt liema klawsola ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra qed jitressaq dan il-każ ta' ksur ta' privileġġ.

**MR SPEAKER:** Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**ONOR. ALFRED SANT:** Dan il-każ ta' ksur ta' privileġġ qed jitressaq fuq il-punt li hawnhekk is-Sinjorija Tiegħek qed tesprimi ġudizzju fuq l-aġir ta' l-Oppożizzjoni, li

m'huwiex ġudizzju tenibbli fiċ-ċirkostanzi li taħthom jitmexxa dan il-Parlament.

**MR SPEAKER:** Il-Ministru Gonzi.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mr Speaker, dan huwa *out of order* kompletament għax dawn iċ-ċirkostanzi li qed isemmi l-Kap ta' l-Oppożizzjoni ma jeżistux taħt l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra. F'din l-ordinanza ma teżisti l-ebda klawsola li tistabbilixxi dan li qed jgħid il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**MR SPEAKER:** Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**ONOR. ALFRED SANT:** Mr Speaker, bir-rispett kollu l-Onor. Gonzi m'għadux *speaker* ta' din il-Kamra u aħna m'aħniex qed nistennewh jagħti l-ġudizzju tiegħu fuq din il-ħaġa. (Onor. Membri: *Hear, hear*)

Mr Speaker, l-ewwel *point of order* li jipprevali f'dan il-każ huwa jekk inti intix se tibqa' f'pożizzjoni li tiġġudika fuq dak li qed inressqu aħna min-naħa ta' l-Oppożizzjoni.

**MR SPEAKER:** Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Is-Sedja ħadet nota ta' dan il-każ u tirriserva d-dritt li tagħti *ruling* f'xi seduta oħra.

**ONOR. ALFRED SANT:** *Point of order*, Mr Speaker.

**MR SPEAKER:** Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, *on a point of order*.

**ONOR. ALFRED SANT:** Mr Speaker, jien tlabt li jingħata ġudizzju fuq talba ta' ksur ta' privileġġ li tressqet quddiemek. Waħda mill-affarijiet li qed tiġi rikużat inti bħala President ta' din il-Kamra hija fuq din il-ħaġa. Illi inti tirriserva d-dritt li titkellem barra fuq din il-ħaġa, qed tirrifjuta li tirrikuża ruħek.

**ONOR. EDDIE FENECH ADAMI:** *Point of order*, Mr Speaker.

**MR SPEAKER:** Il-Prim Ministru, *on a point of order*.

**ONOR. EDDIE FENECH ADAMI:** Mr Speaker, l-uniku mod kif jista' jiġi rikużat l-Ispeaker hija b'mozzjoni ta' sfiduċja fih. Jekk fl-ewwel seduta jkun hemm min irid iressaq mozzjoni ta' sfiduċja fl-Ispeaker, jaqbad biċċa karta, jiktibha u jressaqha.

**MR SPEAKER:** Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**ONOR. ALFRED SANT:** Mr Speaker, bir-rispett kollu jien użajt il-kelma "rikużat" fir-rigward tal-punt li qajjimt jien u mhux fir-rigward ta' l-operat tiegħu, ta' mozzjoni ta' sfiduċja. Meta wżajt il-kelma "rikużat" jien kont qed nirriferi għal jekk hawnx lok ta' ksur ta' privileġġ f'dak li qed inressaq jien.

**MR SPEAKER:** Il-Prim Ministru.

**ONOR. EDDIE FENECH ADAMI:** Mr Speaker, Allaħares deputat f'din il-Kamra għandu d-dritt jgħid lill-Ispeaker jirtira għax jagħmel allegazzjoni hu. L-atteġġjament tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni huwa evidenti; huwa biss abbuż mir-regolamenti tal-Kamra. Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni qajjem ksur ta' privileġġ - kif għandu dritt jagħmel u s-Sinjorija Tiegħek imbagħad tiddeċiedi jekk skond il-proċedura hemmx *prima facie breach of privilege* jew le - imma li mbagħad jippretendi li għaliex hu qed jagħmel allegazzjoni, is-Sinjorija Tiegħek trid tagħmel xi ħaġa hija assolutament inkonċepibbli u inaċċettabbli.

**MR SPEAKER:** Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**ONOR. ALFRED SANT:** Mr Speaker, bir-rispett kollu huwa inkonċepibbli li l-Oppożizzjoni diġa' tiġi mneżża mid-drittijiet tagħha li tressaq ksur ta' privileġġ f'din il-Kamra. (Onor. Membri: *Hear,*

*hear*) (Interruzzjonijiet) Huwa inkonċepibbli wkoll li prim ministru - jew *leader of the House* - jgħid lill-Ispeaker tal-Kamra x'għandu jgħid. Huwa inkonċepibbli li meta jitressaq ksur ta' privileġġ li jirrigwarda lill-i*speaker* innifsu, ir-rimarka kompletament ċivili li ssir, li i*speaker* imissu jikkonsidra qabel ma jagħti l-ġudizzju tiegħu, li hemm hu fin-nofs u allura jirrikuża ruħu, tiġi mitqiesa bħala inkonċepibbli. Huwa inkonċepibbli wkoll li *speaker* jiddeċiedi li jiddeċiedi aktar 'il quddiem fuq xi ħaġa li l-ewwel irid jagħti *rule of order* dwar jekk huwiex qiegħed personalment jiddeċiedi fuq din il-ħaġa jew le.

**MR SPEAKER:** Jien naħseb li smajna biżżejjed miż-żewġ naħat tal-Kamra. Kif diġa' għidt, is-Sedja ħadet konjizzjoni ta' dak kollu li ntqal u tirriserva d-dritt li tagħti *ruling* f'xi seduta oħra.

**Seduta Nru. 8**

**It-Tnejn, 9 ta' Novembru, 1998**

## *RULING*

**THE DEPUTY SPEAKER (Onor. Michael Bonnici):** Is-Sedja kkonsidrat it-talba dwar il-ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni fis-Seduta tat-Tnejn, 26 ta' Ottubru, 1998;

Eżaminat id-diversi dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza biex tara jekk *prima facie* dak allegat mill-Onor. Membru jinkwadrax f'waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-istess Ordinanza;

Waslet għall-konklużjoni illi l-ilment ta' l-Onor. Alfred Sant ma jinkwadra fl-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat ta' din il-Kamra;

U għalhekk il-ksur ta' privileġġ ma jirriżultax.